

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte (l-Italja) fis-26 ta' Ġunju 2015 – Tecnoedi Costruzioni Srl vs Comune di Fossano

(Kawża C-318/15)

(2015/C 311/29)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Qorti tar-rinviju

Tribunale Amministrativo Regionale per il Piemonte

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Tecnoedi Costruzioni Srl

Konvenut: Comune di Fossano

Domanda preliminari

L-Artikoli 49 u 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-prinċipji ta' libertà ta' stabbiliment, ta' libertà li jiġu pprovduti servizzi, ta' ugwaljanza fit-trattament, ta' nondiskriminazzjoni u ta' proporzjonalità għandhom jiġu interpretati bħala li jostakolaw leġiżlazzjoni bħal dik fis-seħħ bħalissa fl-Italja, li tirriżulta mill-Artikoli 122(9) u 253(20a) tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 163/2006, dwar l-esklużjoni awtomatika tal-offerti anormalment baxxi, fis-sejħiet għal offerti għall-għażla ta' kuntratti ta' xogħlijiet iktar baxxi mil-limitu li għandhom interess transkonfinali?

Appell ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2015 minn Polynt SpA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (il-Ħames Awla) fit-30 ta' April 2015 fil-Kawża T-134/13: Polynt SpA u Sitre Srl vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

(Kawża C-323/15 P)

(2015/C 311/30)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Polynt SpA (rappreżentant: C. Mereu, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), Sitre Srl, New Japan Chemical, REACH ChemAdvice GmbH, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-134/13; u
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata jew sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi r-rikors għal annullament tal-appellanti; u
- tikkundanna lill-appellata tbatl l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi l-ispejjeż quddiem il-Qorti Ġenerali.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li, inkwantu ħadhet ir-rikors għall-annullament tad-deċiżjoni kkontestata, il-Qorti Ġenerali kisret id-dritt Komunitarju. B'mod partikolari, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet numru ta' żbalji fir-raġunament u fl-interpretazzjoni tagħha tal-qafas legali kif applikabbli għas-sitwazzjoni tal-appellanti. Dan wassal lill-Qorti Ġenerali sabiex twettaq l-iżbalji ta' liġi li ġejjin:

- Il-Qorti Ġenerali għamlet dikjarazzjonijiet kontradittorji u żbaljati fir-rigward tal-ħtieġa li titqies l-istima tar-riskji skont l-Artikolu 57(f) tar-REACH ⁽¹⁾, u dan wassal għal interpretazzjoni żbaljata tagħha.
- Il-Qorti Ġenerali għamlet dikjarazzjonijiet kontradittorji u tbiegħdet minn ġurisprudenza stabbilita dwar l-istatus u l-piż ta' dokumenti ta' gwida fl-interpretazzjoni tat-tifsira ta' "livell ta' tħassib ekwivalenti" fl-Artikolu 57(f) tal-istess regolament.
- Il-Qorti Ġenerali bbażat ruħha b'mod żbaljat fuq l-Artikolu 60(2) tar-REACH u dan wassal għal motivazzjoni insuffiċjenti.
- Il-Qorti Ġenerali applikat it-test legali żbaljat meta ħadhet l-argumenti marbuta mal-espożizzjoni tal-ħaddiema u tal-konsumaturi, b'mod li applikat b'mod żbaljat l-Artikolu 57(f).

Għal dawn ir-raġunijiet, l-appellanti ssostni li s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-134/13 u kif ukoll id-deċiżjoni kkontestata għandhom jiġu annullati.

⁽¹⁾ Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, ĠU L 396 p. 1

Appell ippreżentat fit-30 ta' Ġunju 2015 minn Hitachi Chemical Europe GmbH u Polynt SpA mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-30 ta' April 2015 fil-Kawża T-135/13: Hitachi Chemical Europe GmbH, Polynt SpA u Sitre Srl vs L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

(Kawża C-324/15 P)

(2015/C 311/31)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Hitachi Chemical Europe GmbH u Polynt SpA (rappreżentant: C. Mereu, avukat)

Partijiet oħra fil-proċedura: L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA), Sitre Srl, REACH ChemAdvice GmbH, New Japan Chemical, Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

- tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-135/13; u
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata jew sussidjarjament, tibgħat il-kawża lura quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex tiddeċiedi r-rikors għal annullament tal-appellanti; u
- tikkundanna lill-appellata tbat i-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, inklużi l-ispejjeż quddiem il-Qorti Ġenerali.